*jagħraf aħjar* dak l-ajruplan, u joħloq *l-idija*. Is-setgħa tal-moħħ li xxebbah ħaġa ma' oħra biex tara xi jgħaddi bejniethom u tagħrafhom fir-rqaqat tagħhom, tissejjaħ *intellett* jew *raġuni*.

It-tifsir *tax-xbihiet*, jew tax-xogħol li jsir fil-*fantasija*, sewwa jekk bil-kitba, sewwa jekk bil-pinzell, bl-iskarpell jew b'għodda oħra, jissejjaħ *sengħa*. It-tifsir ta' l-idijiet jew tax-xogħol tar-*raġuni* jissejjaħ *għerf* jew *xjenza*.

Issa, il-*proża* hi l-*kitba* jew *it-taħdit* fejn taħdem l-iżjed ir-*raġuni* jew l-*intellett* : *poeżija* hi l-*kitba* jew il-*għidud* fejn taħdem l-iżjed il *fantasija*.

Biex niftiehmu sewwa, nerġgħu għal l-ajruplan. Jekk jiena bil-kitba jew bil-għidud inqiegħdlek quddiem għajnejk din il-makna li bħal ajkla ta' kobor u ta' qawwa barranija taf tirkeb is-sħab, tagħleb fil-ħeffa r-riħ, u tilmaħ mill-quċċata tal-għoli tagħha, donnhom maħżużin fuq karta, il-bliet, ir-rħula, il-għoljiet, il-widien, ix-xtut u l-baħar li ma' dwarhom imewweġ bajdani, jew jinfirex ikħal daqs in-nir ; u nġiegħlek tisma' t-twerdin u t-tvenvin tagħha li jimla l-ajru, u taraha inbagħad, minn tikka kif tidher ġos-sħab, tiġġenneb u ddur ħelu ħelu fuq ġwienħajha mifruxa u tinżel bħal seqer, u f'kemm tilħaq tieħu għaxart infies tara l-ajruplan iżiġġ fuq rasek li jġiegħlek tinġabar fik innifsek bid-dehxa, u sa kemm tarġa' tiġi fiha mill-ħasda, tarah raġa tbiegħed u ċkien, jiena nkun qiegħed inħaddem il-*fantasija* u nikteb jew nagħmel *poeżija*. Iżda jekk jiena ngħidlek kemm għadda żmien minn mindu daħal fir-ras tal-bniedem il-ħsieb illi jsib xi għodda li biha jista' jittajjar; kemm suriet u għamliet ta' makni tat-tajr inħadmu waħda wara l-oħra ma' tul mijiet u eluf ta' snin, sa kemm inħadem l-ajruplan; liema hi l-liġi tan-natura li biha din il-makna—li hi



bosta itqal minn l-ajru—togħla fih u tiġri bla ma tiġġarraf; liema hi l-qawwa li tħaddem l-iskrun, u ħwejjeġ oħra bħal dawn, jiena nkun qiegħed inħaddem *ir-raġuni* jew *l-intellett*, u nkun qiegħed nikteb jew nitħaddet *xjenza* u nagħmel *proża*.

Minn dan li għedna jinżel illi jista' iva jkun hemm *poeżija* mingħajr *proża*, iżda lè ma jista' jkun hemm *proża* li fiha ma tidħolx xi ftit tal-*poeżija*.

**Dun Karm.**

## LILL-KITTIEBA

IMBIERKA · TKUNU
INTOM
LI · ĦSIBIJIETKOM · IDDOMMU · U · TORBTU
ĦAJRIETKOM · BIL-KELMA · MIKTUBA · TLIBBSU
ID-DAWL · TA' · MOĦĦKOM
IS-SĦANA · TA' · QLUBKOM
F'MIN · JAQRA
WAQT · LI · BIĊĊA · MINNKOM · INFUSKOM · TATU
TNISSLU
IMBIERKA · L-ART · LI · TERFAGĦKOM
IMBIEREK · ISIMKOM
JA · ĦALLEQIN · TAL-ĦSIEB
JA · KADDEJJA · TAL-GĦERF
IMBIERKA

P.